MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 491/1997/1

**Helen MICALLEF**

**vs**

**Godfrey u Caroline konjuġi DEBATTISTA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Marzu, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attriċi talbet li jiġi dikjarat li kitba li biha hija ntrabtet li tikseb mingħand l-imħarrkin vettura tal-għamla *Citroen AX*, reġistrata bin-numru CAD-541, titqies ma tiswiex, u billi l-istess vettura kellha difett mistur, qegħda titlob ukoll lill-imħarrkin iroddulha lura s-somma ta' elfejn, sitt mija u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm 2675) li hija kienet ħallsithom mal-ftehim bħala prezz tal-imsemmija karozza;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-9 ta' Marzu, 1998, li biha huma laqgħu għall-azzjoni attriċi

billi qalu li kienet l-attriċi li, minn rajha, riedet li jsir il-ftehim; u qalu wkoll li kienet l-attriċi li għażlet li tixtri l-karozza, wara li mekkanik li għażlet hija stess kien eżamina l-karozza;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Jannar, 1999[1], li bih ħatret bħala perit tekniku lil Joseph Żammit, biex ifittex u jirrelata dwar l-aspetti tekniċi tal-każ;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u x-xhud tagħhom;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fid-29 ta' Awissu, 2003[2], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tad-19 ta' Novembru, 2003;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2004, li bih u fuq talba tal-avukat tal-attriċi, ordnat li l-perit tekniku jitħalla jiġi mħarrek biex jixhed in eskussjoni;

Semgħet lill-perit tekniku jixhed bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' April, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-attriċi qegħda tressaq żewġ azzjonijiet f'kawża waħda, iżda li t-tnejn li huma maħsuba li jwaqqgħu bejgħ ta' karozza lilha. Bl-ewwel waħda, l-attriċi qegħda tgħid li l-bejgħ ma jgħoddx għax il-kitba li saret bejnh u l-imħarrkin ma tiswiex. Bit-tieni waħda, hija qegħda tressaq l-azzjoni redibitorja, minħabba li tgħid li l-karozza kellha difett moħbi. Hija qegħda titlob ukoll li l-imħarrkin iroddulha lura l-flus li ħallsithom;

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġġ. 74 - 94 tal-proċess

Illi l-imħarrkin jisħqu li m'hemm xejn ħażin fil-kitba li saret bejn il-partijiet u li ma kien minnu xejn li l-karozza li biegħulha kellha xi difett mistur;

Illi l-fatti materjali li joħorġu mill-atti juru li l-imħarrka Caroline Debattista kienet is-sid ta' karozza tal-għamla *Citroen AX*, reġistrata CAD-541, li żewġha kien xtara xi żmien qabel bħala karozza diġa' wżata[3]. F'xi żmien matul l-1996, l-attriċi rat reklam f'ġurnal u, flimkien mas-sieħeb tagħha, marret tara l-karozza[4]. Ħaduha għand tellar, flimkien mal-imħarrek li saqha sa għandu[5]. It-tellar saq il-karozza wkoll[6] u ma sabilha l-ebda ħsara fil-makna. Fit-12 ta' Diċembru, 1996, l-attriċi ftehmet mal-imħarrka biex tixtri l-karozza bil-prezz ta' LM 2675, liema somma l-attriċi ħallset u ngħatat riċevuta[7]. Xi jiem wara li ħadet il-karozza f'idejha, ħaditha għand mekkaniku, li jiġi ħu seħibha, li sab li l-karozza kellha xi problema fis-*cylinder head*, li kien mikul; minbarra dan, qal ukoll li sab li l-blokka tas-*cylinder head* kienet maqsuma u kien joħroġ l-ilma minnu[8];

Illi l-liċenza tal-karozza daret fuq isem l-attriċi l-għada li sar il-bejgħ. Wara li żviluppat il-ħsara, l-karozza baqgħet tinżamm f'remissa fi Triq il-Kaċċatur, Ħal Qormi[9]. Il-kawża nfetħet f'Marzu tal-1997;

Illi ladarba l-azzjoni attriċi tidher li hija mibnija fuq żewġ azzjonijiet, ikun xieraq li l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ jinbdew minn dan il-punt. Kif ingħad, l-attriċi qegħda tgħid li l-bejgħ lilha tal-karozza ma jiswiex għaliex ma saritx kitba kif imiss bejnha u l-bejjiegħa. Min-naħa l-oħra, qegħda sussidjarjament tressaq l-azzjoni redibitorja, billi qegħda tgħid ukoll li trid tħassar il-bejgħ, għaliex il-karozza kienet milquta minn difett mistur. Huwa evidenti li l-azzjoni redibitorja, bħala waħda miż-żewġ azzjonijiet ta' garanzija mogħtija lix-xerrej, timplika li l-bejgħ ikun jiswa u mitmum, li kieku mhux għaliex tinqala'

[3] Xhieda tal-imħarrek 15.11.2001, f'paġ. 130 tal-proċess
[4] Xhieda tal-attriċi 29.1.1999, f'paġġ. 28-9 tal-proċess
[5] *Ibid.*, f'paġ. 35 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Louis Sajeba 29.10.2001, f'paġġ. 124-6 tal-proċess
[7] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Ray Avallone 29.1.1999, f'paġġ. 23-6 tal-proċess
[9] Paġ. 80 tal-proċess

ċ-ċirkostanza tad-difett li ma kienx jidher fil-waqt tal-kuntratt. Għalhekk, il-bażi tal-azzjoni redibitorja ma tista' tkun qatt in-nullita' mill-bidu tal-kuntratt;

Illi l-Qorti jkollha għalhekk tqis l-ewwel it-talba għad-dikjarazzjoni li l-bejgħ ma jgħoddx u, f'każ biss li din it-talba ma tirriżultax mistħoqqa, jekk ikun il-każ iddur biex tqis is-siwi tal-azzjoni redibitorja;

Illi **dwar jekk il-bejgħ jiswiex għax ma saritx kitba kif imiss bejn il-partijiet**. L-attriċi tisħaq li d-dikjarazzjoni li saret minn id l-imħarrka ma tgħoddx bħala kitba ta' bejgħ, liema kitba hija meħtieġa biex ikun jgħodd il-ftehim. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-propożizzjoni. Huwa x'aktarx sintomatiku wkoll li l-għaref difensur tal-attriċi ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar l-ewwel talba waqt it-trattazzjoni tal-każ;

Illi l-ewwel azzjoni m'hijiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, irid jingħad li d-dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrka (u iffirmata kemm minnha u kif ukoll mill-attriċi) tixhed li hija ftehim ta' bejgħ u xiri, għaliex issemmi oġġett speċifiku li dwaru l-partijiet kienu innegozjaw, identifikaw u qablu, u, fuq kollox, issemmi wkoll il-prezz miftiehem. Dawn huma l-elementi meħtieġa mil-liġi biex jitqies li l-bejgħ seħħ u jitqies perfett[10]: minn dak il-waqt 'il quddiem, il-ħaġa tibqa' għar-riskju u l-użu tax-xerrej. Minbarra dan, il-ħaġa li dwarha ntlaħaq ftehim kienet ħaġa mobbli, u għalhekk m'huwiex meħtieġ l-att pubbliku biex jagħmel jiswa dak il-ftehim[11];

Illi, fit-tieni lok, lanqas kieku dik id-dikjarazzjoni miktuba ma saritx, ma jidhirx li għadu jista' jibqa' jingħad li l-bejgħ u xiri ta' vettura irid tabilfors isir bis-sura ta' ftehim miktub. Għalkemm għal bosta snin dan kien prinċipju li l-Qrati tagħna żammew sħiħ miegħu[12], bil-bidliet li seħħew fil-liġi, l-ħtieġa ta' kitba *ad validitatem* bħala formanti l-kuntratt ta'

[10] Art. 1347 tal-Kap 16
[11] Art.1363(1) tal-Kap 16
[12] Ara, per eżempju, P.A. **16.1.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **XL.ii.686**)

bejgħ ta' vettura motorizzata ma baqgħetx meħtieġa[13]. Billi l-ftehim bejn il-partijiet seħħ lejn l-aħħar tal-1996, din il-qagħda kienet diġà' hekk regolata mil-liġi f'dak il-waqt;

Illi, fit-tielet lok, fil-każ tal-lum jirriżulta li l-attriċi ħadet il-karozza f'idejha, saqitha hi u seħibha, u wkoll ħallset il-prezz miftiehem. Sa ċertu punt jista' jingħad ukoll li l-karozza għadha taħt iż-żamma tal-attriċi, għalkemm ma tinsaqx u ma titħaddimx;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel talba, u, b'effett ta' hekk, lanqas it-tieni talba attriċi, li hija marbuta magħha u tinstilet minnha;

Illi **dwar jekk fil-waqt tal-bejgħ il-karozza kinitx milquta minn difett mistur,** irid jingħad li l-attriċi ma jinteressahiex li żżomm il-karozza, iżda li tħassar il-bejgħ u tingħata lura l-prezz li ħallset. Din hija l-azzjoni redibitorja u toħroġ mir-raba' talba attriċi;

Illi l-elementi tal-azzjoni sussidjarja rexissorja magħżula mill-attriċi jikkonsistu (a) f'bejgħ format ta' ħaġa milquta b'difett li jkun (b) gravi u serju, li (ċ) jkun mistur, u (d) li jkun diġà' jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex kisibha (dan jissejjaħ difett gravi suġġettiv). X'aktarx li għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, d-difett irid ikun oġġettivament serju. Difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri[14]. Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilgħabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-ħaġa mixtrija biex jeħles mill-

[13] Ara, per eżempju, P.A. PS **17.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Cranes & Commercial Sales Ltd. vs Lawrence Micallef***
[14] Art. 1425 tal-Kap 16

obbligu li jifli b'għaqal il-ħaġa minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'għandux il-ħila li jifli sewwa l-ħaġa mixtrija, għandu jdur għall-għajnuna ta' persuna midħla jew imħarrġa f'dak l-oġġett;

Illi jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova li l-ħaġa mibjugħa kienet milquta minn difett moħbi fil-waqt tal-ftehim, u daqstant ieħor trid turi li d-difett kien tassew wieħed moħbi[15]. Il-fatt li l-bejjiegħ ma jkunx huwa wkoll jaf li l-ħaġa hija milquta b'difett li ma jidhirx ma jnaqqas xejn mill-obbligu tiegħu li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa[16]. Iżda jekk jintwera li huwa kien jaf bih u ma tkellimx, ikun irid jagħmel tajjeb ukoll għad-danni li jkun ġarrab ix-xerrej minħabba f'dak is-skiet tal-bejjiegħ[17]. Il-bejjiegħ ibati t-telf tal-ħaġa jekk din tinqered minħabba d-difett[18], sakemm il-qerda ma sseħħx b'aċċident[19] jew minħabba l-fatt tax-xerrej, f'liema każi t-telf ibatih l-istess xerrej;

Illi jitqies bħala "difett" kull abnormalita', imperfezzjoni, ksur jew avarija li tnaqqas mill-ħaġa mibjugħa l-użu sħiħ li kienet maħsuba li twettaq[20]. Min-naħa l-oħra, huwa redibitorju dak id-difett li jolqot **b'mod rilevanti** jew il-mod kif il-ħaġa mixtrija taħdem jew taqdi, jew il-prezz tagħha[21]

Illi huwa stabilit li l-pretensjonijiet redibitorji jridu jitqanqlu b'azzjoni apposta fiż-żmien mogħti mil-liġi u ma jistgħux jitqajmu bħala eċċezzjoni għal azzjoni mill-bejjiegħ għall-ħlas tal-prezz[22]. Minbarra dan, meta x-xerrej jagħżel bejn l-azzjoni redibitorja u dik estimatorja, ma jistax iressaqhom flimkien, jew, wara li jkun għażel waħda, idur għall-oħra;

Illi, fil-każ tal-lum, il-fatt li l-imħarrka kitbet il-kliem "talequali" fuq l-irċevuta, ma jeħlishiex – bħala bejjiegħa – b'daqshekk biss mill-obbligu tagħha ewlieni li tiggarantixxi l-bejgħ lill-attriċi. Kif ingħad mill-Qrati tagħna[23], dik il-frażi

[15] P.A. NC **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Farruġia et. vs Michael A. Williams et***
[16] Artt. 1426 u 1429(2) tal-Kap 16
[17] Art. 1429(1) tal-Kap 16
[18] Art. 1430(1) tal-Kap 16
[19] Art. 1430(2) tal-Kap 16
[20] App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.279**)
[21] Torrente Manuale di Diritto Privato, (9ª Ediz), par. 319, paġġ. 522-3
[22] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Abela*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.998**)
[23] Kumm. **7.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Bajada vs Demajo noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.817**)

ma tiswiex daqs ftehim espress li l-bejjiegħ m’għandux ikun obbligat għall-ebda garanzija[24]. Min-naħa l-oħra, ma għandux jintesa l-fatt li l-karozza li xtrat l-attriċi ma kinitx waħda ġdida. Kienet diġa’ bidlet l-idejn darbtejn qabel waslet f’idejha. F’każ bħal dan, u fejn ix-xerrej ikun jaf li l-oġġett mixtri kien diġa’ wżat, huwa aktar mistenni li jinqalgħu difetti milli kieku l-ħaġa kienet qegħda tinxtara ġdida fjamanta, l-aktar jekk l-istess difetti jkunu riżultat tal-użu tal-ħaġa[25];

Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jeħtieġ li fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jitqies (a) jekk il-ħaġa mibjugħa (jiġifieri l-karozza) kinitx milquta minn vizzju redibitorju, u (b) jekk l-attriċi ġabitx ruħha b’mod li tista’ ssostni t-talba tagħha;

Illi jidher xieraq li jingħad x’kienu s-sejbiet ewlenin li wasal għalihom il-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu. Huwa sab li l-makna tal-karozza (fl-istat li kienet fiha meta eżamina l-makna waqt l-aċċess) ma tistax titħaddem. Sab li l-ħsara li hemm fil-makna hija l-ħsara waħdanija li seta’ jara. Il-ħsara li għandha l-makna hija estensiva u ta’ kobor tali li ma tistax tissewwa, imma trid tinbidel b’oħra (tant li ċanfar lill-mekkanik imqabbad mill-attriċi talli qagħad jidħol fi spejjeż ta’ bdil tal-partijiet meta dan kien kollu għalxejn). Sab ukoll li meta l-attriċi ħadet f’idejha l-karozza, ma jistax ikun li kellha l-ħsara li huwa ra meta żamm l-aċċess[26]. Wera li kien probabbli li, fiż-żmien tal-bejgħ, is-*cylinder head* kien mherri minn ġewwa. Wasal għall-fehma li t-tkagħbir tal-makna seħħ minħabba nuqqas ta’ manutenzjoni xierqa fuq is-sistema tat-tberrid tal-makna, li wassal għall-ħsara li tirriżulta fiż-żmien li l-karozza kienet f’idejn l-attriċi. U qal ukoll li dak li seħħ fil-makna kien kaġun ta’ difett moħbi;

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet, jidher li l-perit wasal għall-fehma li l-karozza kienet milquta minn difett moħbi. Qalha espressament fil-parti konklussiva tar-Relazzjoni[27], u qalha wkoll (għalkemm m’hux daqstant direttament)

[24] Art. 1426 tal-Kap 16
[25] P.A. TM **2.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Pitre’ vs Anthony Muscat***
[26] Paġ. 92 tal-proċess
[27] Paġ. 94 tal-proċess

waqt li kien qiegħed jixhed in eskussjoni[28]. Jidher li dak id-difett kien jeżisti fil-waqt tal-bejgħ, għaliex il-karozza ma kinitx ilha xahar għand l-attriċi qabel waqfet taħdem. Jidher ukoll li dak id-difett ma setax jintebah bih min ma jaqlax il-makna, għaliex meta l-karozza kienet tinsaq ma kienet tagħti ħjiel tal-ebda abnormalita' (kif ma ntebah b'xejn it-tellar li saqha u, skond ma qal, eżamina l-makna wkoll). Huwa żgur ukoll li l-qasma li kien hemm fil-blokka tas-*cylinder head* ma kinitx tidher jekk ma jinqalax l-istess *cylinder head*. Fuq kollox, jidher li dak id-difett kien wieħed ta' serjeta' mhix traskurabbli, tant li wassal għal dak li ġara;

Illi ma jidhirx li l-attriċi kienet traskurata jew setgħet, bi ftit għaqal, intebhet waħedha u qabel waslet fil-ftehim, li l-karozza kellha difett. Għalkemm irid jingħad ukoll li jirriżulta li sieħeb l-attriċi xehed li ra t-toqob fis-*cylinder head* qabel ma kien ħa l-karozza għand ħuh għat-tiswija[29];

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-fehma li l-karozza kienet milquta minn difett moħbi fil-waqt li sar il-bejgħ tagħha lill-attriċi;

Illi, mbagħad hemm it-tieni aspett li għandu jiġi mistħarreġ: jiġifieri l-imġiba tal-attriċi minn dak inhar li ħadet il-karozza f'idejha. Diġa' ngħad aktar qabel li, hekk kif seħħ il-bejgħ, ir-riskju tal-ħaġa għadda fuq ix-xerrejja. F'dan il-każ, lanqas jista' jingħad li kien bejgħ bin-nifs jew bil-patt tar-riżerva tal-proprjeta', għaliex il-prezz kollu tħallas mal-ftehim u għaliex ma saret l-ebda riżerva bħal dik;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-attriċi naqset sewwa f'dan ir-rigward u dan għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, għaliex hija baqgħet issuq il-karozza u ħalliet ukoll lil ħaddieħor jagħmel l-istess u kien biss xi jiem wara li innotat li l-karozza kienet qegħda tieqaf li ħaditha għand mekkanik (huwa vera wkoll li, fil-frattemp, kien hemm iċ-ċirkostanza li siseħeb l-attriċi kellu bżonn jidħol l-isptar għal operazzjoni). Din l-imġiba wasslet lill-espert tekniku biex wasal għal żewġ fehmiet ċari u enfatiċi. L-ewwel

[28] Xhieda tiegħu 20.1.2005, f'paġġ. 151-2 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Emanuel Avallone 29.1.1999, f'paġ. 42 tal-proċess

waħda hija li ma seta' qatt li l-ħsara li sab fil-karozza kienet teżisti diġa' meta sar il-bejgħ. Hemm differenza bejn id-difett moħbi u l-ħsara li dan id-difett jista' jwassal għaliha. It-tieni waħda hija li l-ħsara ġrat għaliex, meta d-difett moħbi beda jerħi s-sintomi, l-attriċi ma ħaditx azzjoni minnufih;

Illi dawn iż-żewġ fehmiet ta' sura teknika mhux biss jikkostitwixxu fatt li l-Qorti għandha għaliex toqgħod fuqu, imma wkoll għaliex l-attriċi ma jidhirx li seħħilha xxejjen bi provi oħrajn tajbin dik is-sejba. Juru wkoll li l-ħsara seħħet meta l-ħaġa kienet f'idejn l-attriċi u, x'aktarx, bl-użu (jew użu mhux xieraq) tal-ħaġa mibjugħa lilha;

Illi, madankollu, l-akbar żball tal-attriċi (għall-finijiet tal-azzjoni li għoġobha tibda) joħroġ mill-fatt li hija ma radditx lura l-karozza lill-imħarrkin. Lanqas ma ntwera li sar tentativ ta' offerta minnha lilhom f'dan is-sens jew ta' depożitu formali tal-karozza. Għalkemm ma titħaddimx u mhix qegħda tinsaq, jidher li l-karozza għadha taħt il-kontroll jew l-influwenza patrimonjali tal-attriċi;

Illi r-radd lura lill-bejjiegħ tal-ħaġa mixtrija misjuba difettuża huwa rekwiżit kruċjali għas-suċċess tal-azzjoni redibitorja, u huwa l-element li jagħraf dik l-azzjoni mill-azzjoni estimatorja (*vel quanti minoris*), fejn ix-xerrej ikun qiegħed jippretendi biss it-tnaqqis fil-prezz u mhux it-tħassir tal-kuntratt. Dwar dan, ingħad mill-Qrati tagħna li "*Fondamentali ... hu l-prinċipju li l-actio redhibitoria kienet timponi fuq il-kompratur 'li jagħti lura l-ħaġa' u ċjoe' r-restituzzjoni ta' l-oġġett mixtri mill-venditur u kontestwalment li 'jitlob ir-radd tal-prezz'. Il-liġi ma tippermetti allura l-ebda alternattiva oħra lill-kumpratur li jagħżel li jaġixxi bl-azzjoni redibitorja. Fil-verita' allura l-kompratur ma kellux id-dritt li jibqa' jżomm l-oġġett f'idejh u li jirrilaxxjah biss lill-venditur meta dan iroddlu l-prezz tiegħu. Hu kellu l-obbligu li minnufih appena jirrifjuta l-oġġett mibjugħ għaliex ikun irriskontra d-difett latenti jagħti lura l-ħaġa lill-venditur*"[30];

[30] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Busietta noe vs Borġ Cardona et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1085**)

Illi l-ħarsien ta' dan l-obbligu tax-xerrej (ladarba jkun għażel li ma jridx l-oġġett) jaf il-ħtieġa tiegħu għall-fatt li l-effett tal-azzjoni redibitorja huwa wieħed li jħassar in-negozju u li jerġa' jqiegħed lill-partijiet fl-istess qagħda li kienu qabel intlaħaq il-ftehim[31]. Dan jingħad għaliex l-oġġett ikun irid jintradd lura fl-istess kundizzjoni u stat (ukoll jekk diġa' milqut b'difett jew nuqqas) li kien meta ntlaħaq il-ftehim. Għalhekk, jekk kemm-il darba l-ħaġa ddum f'idejn ix-xerrej u tilħaq titgħarraq, ma jkunx jista' jintlaħaq l-għan tar-rexissjoni. Dan jingħad b'qawwa akbar jekk it-tgħarriq iseħħ bil-fatt tal-imġiba tax-xerrej[32];

Illi din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-liġi tagħti żmien perentorju relativament qasir biex wieħed iressaq azzjoni dwar il-garanzija;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti, il-Qorti tasal għall-fehma li jonqos fl-azzjoni attriċi kif imressqa element siewi u meħtieġ li mingħajru ma tistax tirnexxi. Għalhekk, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi kollha** għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, **bl-ispejjeż** kontra l-attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[31] Art. 1209(1) tal-Kap 16

[32] Ricci _Diritto Civile_ Vol VII, par 183; u Borsari _Commentario del Codice Civile Italiano_ Vol IV.